MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Numru. 672/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ramon Mercieca]**

**vs**

***omissis***
**Ronald Urry**

Kumpilazzjoni Numru: 672/2008

**Illum 13 ta' Ottubru, 2008,**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati:

Omissis; u

Ronald Urry ta’ erbgha u erbghin (44) sena iben missier mhux maghruf u Evelyn Urry, imwieled Paola, nhar it-12 ta’ Frar ta’ l-1964 u residenti gewwa l-fond bin-numru 27, `Josephine’, Triq Santa Katerina, Birzebbugia u li hu detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 135364(M);

Talli nhar it-28 ta’ Lulju tas-sena 2008 ghall-habta ta’ xi t-tlieta u kwart ta’ wara nofs inhar (15.15hrs) f’dawn il-gzejjer volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ diversi oggetti propjeta’ tal-Gvern ta’ Malta, liema hsara hija ta’ iktar minn Hamsin Lira Maltin (LM50) jew €116.47 (mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu) izda anqas minn Hames mitt Lira Maltin (Lm500) jew €1164.69 (elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu) u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe’ ta’ Joseph Scerri, Nicholas Pace, Yolande El-Khatib, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti u dan bi ksur ta’ Artikolu 96, tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta’ Joseph Scerri, Nicholas Pace, Yolande El-Kathib li huma persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu u jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur ta’ Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellfu jew naqqsu il-gieh ta’ Joseph Scerri, Nicholas Pace, Yolande El-Khatib, weggghuhom b’gesti, b’kitba, b’disinji, bi kliem mhux imfisser car jew b’canfir, mhux specifikat

inkella bi kliem jew ghemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 252 (1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-fomm heddew serjament lil Joseph Scerri, Nicholas Pace, Yolande El-Khatib b'delitt u cioe' bi qtil u dan bi ksur ta' artikolu 249 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu lil Joseph Scerri, Nicholas Pace, Yolande El-Khatib, ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' Art. 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi qalu kliem fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamlu gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli b'hekk Ronald Urry sar recidiv u dan ai termini ta' l-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 13 ta' Ottubru 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 49, 50, 95, 96, 249, 252, 325(1)(b), 338(bb), 339(1)(e), u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha l-ohra.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-ammissjoni ta'l-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll min-naha l-fedina penali ta'l-imputat u min-naha l-ohra l-fatt li l-imputat ghandu problema ta' xorb u li huwa lest li jibda jindirizza din il-problema.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 95, 96, 249, 252, 325(1)(b), 338(bb), 339(1)(e), u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu tikkundannah prigunerija ghal perjodu ta' sitt (6) xhur liema sentenza b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-istess Kap 9 qed tigi sospieza ghal perjodu ta' sentejn. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28G tal-Kap 9 il-Qorti qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' supervizjoni ghall-istess perjodu ta' sentejn, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28H qed tordna lill-imputat sabiex fi zmien tlett xhur ihallas is-somma ta' mija u hdax il-Euro (€111) lid-Dipartiment tas-Sahha (garaxx ta'l-ambulanzi).

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentejn, jew jekk ma jesgiwex l-ordnijet lilu mghotija.

Il-Qorti, in konkluzzjoni u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmija Joseph Scerri, Nicholas Pace, Yolande El-Khatib tobbliga lill-imputat b'garanzija tieghu nnifsu ghal perjodu ta' sena li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill hawn

imsemmija persuni taht penali ta’ elfejn u tlett mitt Euro (€2,300).

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------